


Rapport Annwali

2015



BERS

Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku

Sistema Ewropea ta' Superviżjoni Finanzjarja

Werrej

Kelmtejn qabel	2
Sommarju Eżekuttiv	3



Kelmtejn qabel



Mario Draghi,
President tal-Bord Ewropew
dwar ir-Riskju Sistemiku

Matul is-sena 2015, il-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (BERS) kompli josserva mill-qrib is-sorsi potenzjali ta' riskji sistemiċi fis-sistema finanzjarja u fl-ekonomija Ewropea. Minn żmien għal żmien dehru sinjali li s-sitwazzjoni tal-vulnerabbiltajiet bdiet tisserja fi tliet oqsma. L-ewwel, kien hemm volatilità sinifikanti tas-suq ikkawżata minn żviluppi fl-ekonomiji tas-swieq emerġenti ewlenin fil-ħarifa tal-2015, li malajr infirxet għas-swieq finanzjarji globali, fosthom dawk Ewropej. Il-BERS kien għassa għar-riskju ta' riprezzar fis-swieq finanzjarji globali u tellgħu fl-ogħla kategorija b'reazzjoni għal dawn l-iżviluppi. Fil-bidu tal-2016, dawn il-vulnerabbiltajiet seħħew parzjalment f'ambjent karatterizzat minn inċertezza kontinwa fir-rigward tal-irkupru ekonomiku globali, b'dgħufijiet kontinwi fil-karti tal-bilanċ tal-banek u l-assiguraturi fl-UE kif ukoll b'livell għoli ta' dejn pubbliku u privat. It-tieni, is-settur bankarju parallel (*shadow banking*) tal-UE baqa' jikber fid-daqs u l-interkonnettività, u dan kien ifisser li l-iskossi u l-kontaġġu potenzjali

mis-setturi bankarji paralleli setgħu jiġu trażmessi lill-bqija tas-sistema finanzjarja. Fl-aħħar, l-inċertezza ġeopolitika fir-reġjuni kważi kollha li jmissu mal-Ewropa għenet biex il-livelli ta' tħassib baqgħu għoljin.

Fl-istess ħin, l-awtoritajiet makroprudenzjali kellhom għad-dispożizzjoni tagħhom, għall-ewwel darba, sett relattivament wiesa' ta' għodod tal-politika biex isaħħu s-settur bankarju kontra dawn ir-riskji, għalkemm għad m'hemmx strumenti simili għall-bqija tas-settur finanzjarju. Il-BERS qiegħed jappoġġa lill-awtoritajiet makroprudenzjali nazzjonali bl-iżvilupp ta' qafas istituzzjonali li jippermetti li l-miżuri nazzjonali jiġu skambjati b'mod reċiproku, u b'hekk jonqsu r-riskji ta' arbitraġġ regolatorju. Il-BERS ipprova wkoll sitwazzjonijiet mistħajla negattivi makroprudenzjali lill-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej kollha fil-qasam rispettiv tal-kompetenza (b'mod partikolari l-banek, l-assigurazzjonijiet u l-kontropartijiet ċentrali). Fl-aħħar, il-BERS studja l-oqsma strutturali tar-riskji u b'mod partikolari s-sehem sistemiku li l-iskopertura għas-setturi tal-proprjetà residenzjali u kummerċjali jista' jkollha għall-individwi, il-banek u l-ekonomija kollha, kif ukoll in-natura sistemika ta' ċerti riskji ġejjin mill-industrija tal-assigurazzjoni.

Il-BERS kompli jservi ta' forum biex il-membri tiegħu jaqsmu b'mod kunfidenzjali fehmiet fuq vulnerabbiltajiet għal żmien qasir, medju u twil ta' natura sistemika. Il-politika makroprudenzjali bdiet titħaddem fi kważi l-Istati Membri kollha tal-UE.

Frankfurt am Main, Lulju 2016

Mario Draghi

President tal-BERS



Sommarju Eżekuttiv

Fl-2015 il-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku għalaq f'ames snin minn meta beda jiffunzjona. Sa minn mindu twaqqaf fl-2010, il-BERS kompla jħabbat wiċċu ma' kundizzjonijiet eċċezzjonali minħabba r-riperkussjonijiet tal-kriżi finanzjarja u tad-dejn sovrani fl-Ewropa kollha. Għalkemm indikaturi tar-riskju sistemiku bbażati fuq is-swieg reġgħu lura għal-livelli ta' qabel il-kriżi, baqgħu jipersistu vulnerabbiltajiet sinifikanti fis-sistema finanzjarja tal-UE. Għaldaqstant, il-BERS identifika erba' riskji ewlenin għall-istabbiltà finanzjarja fl-UE: (i) il-primjums tar-riskji fis-swieg finanzjarji globali ġew riprezzati, minħabba nuqqas ta' likwidità fis-swieg; (ii) il-karti tal-bilanċ tal-banek u l-assiguraturi komplew jiddgħajfu; (iii) is-sostenibbiltà tad-dejn fis-setturi sovrani, korporattivi u individwali kompliet teħżien; u (iv) l-iskossi u l-kontaġġu mis-setturi bankarji paralleli b'dew jgħaddu għas-sistema finanzjarja.

Il-BERS għolla l-valutazzjoni tal-primjums tar-riskji fis-swieg finanzjarji globali għall-ogħla kategorija ta' riskju minħabba l-volatilità sinifikanti tas-swieg. Din il-volatilità li kienet ikkawżata minn żviluppi fl-ekonomija tas-swieg emerġenti ewlenin fil-ħarifa tal-2015 malajr infirxet fis-swieg finanzjarji globali, fosthom is-swieg Ewropej. Fil-bidu tal-2016, ir-riskju ta' riprezzar tal-primjums tar-riskju fis-swieg finanzjarji globali seħħ parzjalment f'ambjent li kien karatterizzat mill-inċertezza kontinwa fuq l-irkupru ekonomiku globali, id-dgħufijiet kontinwi fil-karti tal-bilanċ tal-banek u l-assiguraturi fl-UE, kif ukoll il-livell għoli tad-dejn pubbliku u privat. Fir-rebbiegħa u s-sajf tal-2015 żdied ir-riskju li terġa' titħeġġeġ il-kriżi tad-dejn sovrani minħabba, fost affarijiet oħra, l-inċertezza politika fil-Greċja. Għalkemm il-prezzijiet tal-assi fil-Greċja ħadu tisbita, il-kontaġġu għal pajjiżi oħra li kellhom livelli għoljin ta' dejn kien limitat. Mis-sajf tal-2015 'l hawn, it-tħassib tas-swieg fuq il-Greċja naqas b'mod konsiderevoli. Fid-dawl tal-iżviluppi strutturali, is-sistema bankarja parallela tal-UE kompliet tikber fid-daqs u l-interkonnnettività fl-2015. Dan it-tkabbir żied il-ħtieġa għal iktar sorveljanza min-naħa tal-awtoritajiet makroprudenzjali. Fl-aħħar, l-inċertezza ġeopolitika fi kważi r-reġjuni kollha li jmissu mal-Ewropa ġabet magħha livelli għoljin ta' tħassib.

Fl-2015, il-BERS kompla jiżviluppa l-politika makroprudenzjali u l-gwida fuq l-użu tal-istrumenti makroprudenzjali li jkopru s-setturi finanzjarji bankarji u mhux bankarji. L-ewwel, il-BERS eżamina r-riskji sistemiċi maħluqin mill-attivitajiet tal-assiguraturi u r-riassiguraturi Ewropej. Ir-rapport li sar irrakkomanda li ssir valutazzjoni fuq jekk hemmx ħtieġa ta' strumenti addizzjonali biex l-awtoritajiet makroprudenzjali jindirizzaw ir-riskji sistemiċi relatati mas-settur tal-assigurazzjoni tal-UE. It-tieni, il-BERS għamel analiżi strutturali tar-relazzjoni bejn l-iżviluppi fis-settur tal-proprietà u l-istabbiltà finanzjarja. It-tielet, sar iżjed xogħol fuq ir-riskji sistemiċi li jistgħu jinħolqu minn tranżizzjoni li ssir tard u f'daqqa għal ekonomija b'livell baxx ta' karbonju. Fl-aħħar, b'kooperazzjoni mal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE), il-BERS beda f'idma fuq il-monitoraġġ u l-valutazzjoni tar-riskji għall-istabbiltà finanzjarja li jinħolqu wara perjodu twil ta' rati tal-imgħax baxxi.

Barra dan, il-BERS ta seħmu wkoll għat-testijiet tal-istress li saru mit-tliet Awtoritajiet Superviżorji Ewropej. Fil-bidu tal-2015, il-BERS ipprova sitwazzjonijiet mistħajla negattivi makrofinanzjarji biex jintużaw f'eżerċizzju li ttestja s-saħħa tal-fondi tal-pensjoni b'benefiċċji definiti, u li tmexxa mill-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol (AEAPX). Wara sena, fil-bidu tal-2016, il-BERS elabora s-sitwazzjonijiet mistħajla negattivi makrofinanzjarji li ntbagħtu lill-Awtorità Bankarja Ewropea (ABE) għat-test tal-istress tas-settur bankarju, u lill-AEAPX għat-test tal-istress tas-settur tal-assigurazzjoni. Il-BERS ta seħmu wkoll għall-ewwel darba fit-testijiet tal-istress tal-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (AETS) għall-kontropartijiet ċentrali (CCPs).

Il-BERS kompla bil-ħidma tiegħu fuq is-CCPs u baqgħat żewġ dokumenti biex jitqiesu mill-Kummissjoni Ewropea fil-kuntest tar-rieżami tar-Regolament dwar l-Infrastruttura tas-Swieq Ewropej (EMIR). Waqt li qabel mat-tifsila ġenerali tal-EMIR, il-BERS kien tal-fehma li l-kontribut



antiċikliku tal-qafas legali seta' jittejjeb b'mod sinifikanti. L-inklużjoni ta' klawnsola ta' reviżjoni fl-EMIR, speċifikament fuq l-użu makroprudenzjali tal-marġnijiet u l-*haircuts*, setgħet tippermetti li l-prinċipji li jirregolaw dawn l-istrumenti jkomplu jiġu żviluppati.

Fl-2015 kien hemm żieda sostanzjali fuq is-sena ta' qabel fl-għadd ta' miżuri li kienu jkopru kwistjonijiet makroprudenzjali. Kif kien mistenni, kompla jkun hemm differenzi kbar fil-pajjiżi kollha tal-UE fir-rigward tal-għadd u t-tipi ta' miżuri li ttieħdu. Iż-żieda fl-għadd tal-miżuri kienet dovuta parzjalment għall-identifikazzjoni ta' istituzzjonijiet sistemikament importanti u l-implimentazzjoni tar-reġim għall-bafer kontroċikliku tal-kapital. Barra dan, is-settur tal-proprjetà residenzjali baqa' qasam ta' rilevanza qawwija għall-azzjoni tal-politika makroprudenzjali. Barra minn hekk, fl-2015 bosta pajjiżi tal-UE kkunsidraw, u sikwit f'ħadu, inizjattivi ta' politika maħsubin biex jindirizzaw ir-riskji mill-istokk ta' self f'muniti barranin. Fi tmiem l-2015, il-BERS stabbilixxa qafas ta' koordinazzjoni għall-valutazzjoni tal-effetti transkonfinali u r-reċiproċità volontarja tal-miżuri tal-politika makroprudenzjali. B'mod aktar preċiż, f'sistema finanzjarja integrata b'has-suq uniku Ewropew, tinħtieġ iżjed koordinazzjoni fil-linji politiċi li jittieħdu biex jiġi żgurat li l-politika makroprudenzjali nazzjonali tkun effettiva.

Fl-aħħar, fil-perjodu analizzat il-BERS kompla jivvaluta l-implimentazzjoni ta' rakkomandazzjonijiet li għamel fl-imgħoddi. Il-valutazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-BERS fuq il-finanzjament ta' istituzzjonijiet ta' kreditu (BERS/2012/2) wasslet għal progress sinifikanti fl-armonizzazzjoni tal-oqfsa nazzjonali għall-bonds garantiti. L-istess rakkomandazzjoni tal-BERS irnexxielha wkoll tfeġġeg politika għall-ġestjoni, il-proċeduri u l-kontrolli għar-riskji relatati, kif ukoll qafas ta' monitoraġġ għall-garanzija tal-assi.



Dettalji tal-istampa

© Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku, 2016

Indirizz postali 60640 Frankfurt am Main, il-Ġermanja
Telefon +49 69 1344 0
Sit elettroniku www.esrb.europa.eu

Id-drittijiet kollha miżmumin. Ir-riproduzzjoni għal għanijiet edukattivi u mhux kummerċjali hija permessa sakemm jissemma s-sors.

Id-data tal-għeluq għad-dejta inkluża f'dan ir-rapport kienet is-6 ta' Ġunju 2016.

Din il-verżjoni qasira tar-Rapport Annwali tal-BERS 2015 tiġbor fiha l-Kelmtejn Qabel u s-Sommarju Eżekuttiv. Verżjonijiet sħaħ jinsabu bl-Ingliż, bil-Ġermaniż u bl-Ispanjol.

ISSN 1977-5601 (pdf)
ISBN 978-92-899-2454-2 (pdf)
DOI 10.2866/864280 (pdf)
Nru tal-katalgu tal-UE DT-AB-16-001-MT-N (pdf)